MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 536/2002/1

**Av. Carmel Chircop mandatarju specali tas-socjeta' estera Compagnia Generale Telemar Spa u b'nota tas-6 ta' Gunju, 2003 Simon Mifsud assuma l-atti flok l-avukat Carmel Chircop**

**Vs**

**Desert Falcon Maritime Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur nomine ppremetta:

Peress illi s-socjeta' estera **Compagnia Generale Telemar Spa** hija kreditrici tas-socjeta' maltija **Desert Falcon Maritime Limited** fl-ammont ta' EURO 50.020 [circa dsatax il-elf u hames mitt liri maltin (Lm19,500)];

Peress illi s-socjeta' konvenuta hija sid il-bastiment "My Falcon" registrat taht il-bandiera Maltija b'numru ufficjali 2282 – Call sign 9H3153;

Peress illi dan il-kreditu jirraprezenta hlasijiet ta' licenzji u permessi kif ukoll servizzi ohra necessarji ghal-bastiment;

Peress illi s-socjeta' attrici talbet lis-sidien tal-bastiment diversi drabi sabiex ihallsu l-ammont dovut u minkejja dan huma baqghu inadempjenti;
Peress illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenut tal-artikoli 167 *et sequitur tal-Kap* 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta' attrici l-konvenut ma ghandhux eccezzjonijiet x'jaghti;

Jghid ghalhekk il-konvenut in vista tal-premess ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm19,500 (dsatax il-elf u hames mitt liri maltin);

Bl-ispejjez u bl-imghax relat sal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta'attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta a fol. 11 tal-process fejn eccepiet:**

1. Illi preliminarjament is-socjeta' konvenuta mhix il-legittimu kontradittur stante illi ma tezisti ebda relazzjoni

giuridika bejnha u bejn is-socjeta' attrici peress illi s-socjeta' konvenuta qatt ma talbet li tinghata u lanqas qatt ma rceviet xi servizzi mis-socjeta' attrici u ghaldaqstant it-talbiet kontra s-socjeta' konvenuta ghandhom jigu respinti.

2. Illi preliminarjament ukoll ic-citazzjoni hija nulla ai termini tal-Art. 156 tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta' Malta stante illi ma hemm l-ebda indikazzjoni la fil-premessi u lanqas fid-dikjarazzjoni tal-attur ghall-perjodu illi fih allegatament inghataw is-servizzi illi ghalihom qed jintalab il-flus liema nuqqas jippregudika sostanzjalment il-kapacita' tas-socjeta' konvenuta li tirrespingi t-talbiet attrici u thejji d-difiza taghha u dan ai termini tal-Art. 789 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in vista tal-fatt li dan l-allegat servizz ma jikkostitwix privilegg kontra l-bastiment proprjeta' tas-socjeta' konvenuta ai termini ta' artikolu 50 tal-Att dwar il-bastimenti Merkantili;

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, u anki jekk din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi li l-allegat servizz jikkostitwixxi privilegg ai termini ta' artikolu 50 fuq imsemmi, l-azzjoni previzta minn artikolu 37 D (3) hija azzjoni li tista' tigi ntavolata biss *in Rem* kontra l-bastiment u mhux *in personam* u ghaldaqstant it-talbiet tas-socjeta' attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta ghandhom jigu respinti.

5. Illi fil-mertu d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghhom stante li s-socjeta' konvenuta ma ghandha taghti xejn lis-socjeta' attrici kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

6. Salv eccezzjonijiet ohra.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Nullita' tac-citazzjoni**

Fit-tieni eccezzjoni taghhom il-konvenuti qed jeccepixxu li c-citazzjoni hija nulla ai termini tal-Art. 156 tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta’ Malta billi ma hemm l-ebda indikazzjoni la fil-premessi u lanqas fid-dikjarazzjoni ta’ l-atturi ghall- liema perjodu  allegatament inghataw is-servizzi illi ghalihom qed jintalab il-hlas, liema nuqqas jippregudika sostanzjalment il-kapacita’ tas-socjeta’ konvenuta li tirrespingi t-talbiet attrici u thejji d-difiza taghha u dan ai termini tal-Art. 789 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-art 156 jipprovvdi li c-citazzjoni ghandha titlesta mill-attur u ghandu jkun fiha tifsir car u sewwa ta’ l-oggett u r-raguni tat-talba.

Art 789(1)(d) jghid li l-eccezzjoni ta’ nullita’ ta’ l-atti gudizzjarji tista’ tinghata jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita’ essenzjali espressament mehtiega mil-ligi. Izda dik l-eccezzjoni ta’ nullita kif mahsuba fil-paragrafi (a),(c) u (d) ta’ dan is-subartikolu ma tkunx tista’ tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazjzoni jkunu jistghu jissewwew taht  kull disposizzjoni ohra tal-ligi.

Fil-kaz tas-subartikolu 789(1)(d)  l-att gudizzjarju jrid ikun milqut minn nuqqas ta’ partikolarita’ essenzjali mehtiega mill-ligi u mhux semplici ksur ta’ forma preskritta (789(1)(c).

Il-ligi tippreskrivi, fost l-ohrajn, li c-citazzjoni ghandu jkun fiha tifsir car u sewwa ta’ l-oggett u r-raguni tat-talba. Marbut ma dak hemm il-rekwizit li l-parti mharrka trid tinghata l-fakolta’ li tkun tista’ tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta’ min ikun harrikha.

Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza G. Vella vs Dr. E.Cefai (4.11.91) kienet iddecidiet  li : "in-nullita' ta' l-atti gudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas fl-att formali jew sostanzjali - assolutament ma jistax jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali." Jinghad in linea ta’ massima illi t-teorija l-aktar accettabbli mill-Qrati, f’kazijiet ta’ nullita’ ta’ l-atti, hi dik li tiffavorixxi l-ammissibilita’ u mhux in-nullita’ ta’ l-att.  Dan minhabba l-principju illi n-nullitajiet ghad-

deficjenzi procedurali ghandhom jigu skoraggiti u fejn hu possibbli l-atti jigu salvati.

Biex jista' jinghad li citazzjoni ghandha kawzali cara bizzejjed li jirrizulta rapport ta' rabta ragjonevoli bejn il-premessi u t-talba nnfisha. Jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' ghamla u kwalita' tali li jcahhad b'mod serju lill konvenut mid-difiza tieghu ic-citazzjoni ghandha tigi mwaqqgha (Vol L1 p1 p 299; LXX111 p 4 p 971). Sakemm it-talba tkun tista' tinftiehem, il-ligi ma tinsistix fuq formola preciza jew kliem partikolari, u ma jimpurtax jekk il-kawzali tkun imfissra b'mod xott jew tkun sahansitra mifhuma jew implikata mit-talba nnifisha (Vol XXX1X p2 p 807). **Hu bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrika (**Vol L1 p ii p 779).

Fil-kaz in ezami l-konvenuti mhux qed jikkontestaw x'ammont hu dovut minnhom imma li huma qatt ma ordnaw dawn is-servizzi. Inotre tant il-konvenuti jafu ghall liema perjodu qed jintalab il-hlas li huma indikaw li fil-perjodu li suppost huma ma jafux bih, huma ma kienux is-sidien tal-vapur in kwistjoni. Inoltre ghalkemm il-konvenuti eccepew li huma m'humiex f'posizzjoni li jippreparaw id-difiza taghhom fil-fatt huma ghaddew biexipprezentaw diversi eccezzjonijiet fil-mertu.

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li fil-kaz in ezami l-konvenuti ma gewx pregudikati irrimedjalment bin nuqqas allegat, b'mod li dan in-nuqqas ma jistax jissewwa hlief bin-nullita' ta' l-att. In-nuqqas ta' dati li fihom gew rezi s-servizzi huwa biss dettal li mhux essenzjali ghall validita ta' citazzjoni u jista' jissewwa taht disposizzjoni ohra tal-ligi.

Ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti qed tigi michuda.

**Relazzjoni giuridika**

Fl-ewwel eccezzjoni taghha s-socjeta' konvenuta qed teccpixxi li hi mhix il-legittimu kontradittur billi ma tezisti

ebda relazzjoni giuridika bejnha u bejn is-socjeta' attrici u dana billi s-socjeta' konvenuta qatt ma talbet li tinghata u lanqas qatt ma rceviet xi servizzi mis-socjeta' attrici.

**Kontestazzjoni**

Is-socjeta' attrici qed tissottometti li l-ammont mitlub hu dovut ghall servizzi ta' fornitura, installazzjoni u manutenzjoni ta' apparrat ta' radju lill-bastiment M.V. Falcon, liema servizzi nghataw a beneficcju tal-bastiment u li minnhom ibbenefika l-propretarju ta' l-istess bastiment.

Skond is-socjeta' attrici dawn is-servizzi huma garantiti b'permezz ta' privilegg a bazi ta' l-artikolu 50 tal-Kap 234 u dan il-privilegg isegwi l-bastiment sa sena wara li dana jigi trasferit lill-terzi – *droite de suite*.

L-artikolu 37D(3) tal-Kap 234 imkien ma jsemmi li l-azzjoni sabiex jingabar ammont li hu assigurat bi privilegg ghandha ssir permezz ta' azzjoni *in rem*. Dan id-debitu li l-privilegg jipprotegi mhux biss hu dovut mill-vapur izda wkoll minn min hu propretarju tal-vapur u ghalhekk tista' ssir ukoll azzjoni *in personam* ghal dan l-ammont.

Is-socjeta konvenuta tirritjeni li s-socjeta' attrici kienet ghamlet il-*management agreement* mas-sidien tal-bastiment ta' dak iz-zmien cjoe Tiffany Shipping Ltd u s-socjeta' konvenuta qatt ma ffirmat *agreement* bhal dana ma' l-atturi.

Skond il-konvenuti t-talba attrici ma tinkwadrax ruhha taht il-privilegg li rreferew ghalih l-atturi cjoe para (j) u (m) tal-Art 50 tal-Kap 234.

Kwantu ghal paragrafu (j) il-privilegg ma jezistiex ghax (a) *management fees* u *radio license fees* ma jaqghux taht id-disposizzjonijiet tal-para (j) art. 50; (b) u anke kieku, dawn is-servizzi jrid ikunu nghataw qabel l-ahhar vjagg tal-bastiment, haga li ma saritx f'dan il-kaz; u (c) is-socjeta' konvenuta qatt ma ikkuntrattat mas-socjeta' attrici. L-istess argumenti japplikaw fil-kaz tal-para (m) tal-artikolu 50.

Ghalhekk, il-konvenuti jsostnu li la darba ma jezistiex dana l-privilegg l-artikolu 37D(3) ma japplikax.

**Tikkunsidra**

**Azzjoni *in personam* - azzjoni *in rem***

Illi l-azzjoni esperita mill-atturi hija dika *in personam* kontra s-socjeta' konvenuta. Il-konvenuti qed jeccepixxu (ara raba' eccezzjoni) li l-azzjoni prevvista taht l-artikolu 37D(3) tal-Kap 234 hija azzjoni li tista tigi intavolata biss *in rem* kontra l-bastiment u mhux *in personam*.

Il-Qorti ma taqbilx. L-artikolu 37D(3) ma jsemmi xejn minn dana. Jekk jezisti l-privilegg imsemmi fl-artikolu 50 dana ma jigix estint bil-bejgh tal-vapur izda isegwih jekk wara bejgh volontarju ma jkunx ghadda perjodu ta' sena mid-data tar-registrazzjoni.

Id-debitu li ghandu kreditur privileggjat hu protett mhux biss bl-azzjoni fuq il-vapur cjoe *in rem*, imma ghandu wkoll protezzjoni mill-propretarji tal-vapur cjoe bl-azzjoni *in personam* u jista' jagixxi jew b'azzjoni wahda jew bl-ohra jew bit-tnejn.

**Kreditu privilieggjat**

Illi l-atturi qed jirritjenu li l-kreditu taghhom huwa wiehed privileggjat a tenur ta' l-artikolu 50 tal-Kap 234. Huma ghamlu riferenza ghas-subincizi (j) u (m) (ara l-ahhar pagna tan-nota ta' l-atturi).

Skond l-artikolu 50 tal-Kap 234:

Il-krediti specifikati hawn taht jigu garantiti permezz ta' privilegg specjali fuq il-bastiment kif ukoll fuq kull dhul minn xi indennizz li jinholoq minn kollizzjonijiet u disgrazzji ohra maghdud kull dhul mill-assigurazzjoni:

(*j*) il-flus li jkollhom jiehdu akkreditati ghal xoghlijiet, xoghol ta’ haddiema u tiswijiet qabel it-tluq tal-bastiment ghall-ahhar vjagg tieghu: Izda dan il-privilegg ma jghoddx jekk id-dejn ma jkunx gie maghmul direttament minn sid il-bastiment, jew mill-kaptan, jew minn mandatarju tas-sid;

(*m*) il-flus li jkollhom jiehdu il-kredituri ghal provizjonijiet, hwejjeg ta’ ikel, armament u armar, qabel it-tluq tal-bastiment ghall-ahhar vjagg tieghu: Izda dan il-privilegg ma jghoddx jekk id-dejn ma jkunx gie maghmul direttament minn sid il-bastiment jew mill-kaptan, jew minn mandatarju tas-sid;

Il-Qorti hi tal-fehma li s-servizzi ta’ fornitura, installazzjoni u manteniment ta’ apparat ta’ radju ma jistghux jigu kunsidrati bhala priviliegg specjali fuq il-bastiment billi m’humiex flus li jkollhom jiehdu akkreditati ghal xoghlijiet, xoghol ta’ haddiema u tiswijiet u lanqas flus li jkollhom jiehdu il-kredituri ghal provizjonijiet, hwejjeg ta’ ikel, armament u armar.  Il-licenzji tar-*radio* u *management fees* kif imsemmija fl-*invoices* ezibiti ma jistghux jitqiesu bhal akkreditati ghall xoghol ta’ haddiema jew tiswija tal-bastiment.

Illi fis-sentenza Syed Tahir Sha vs Kaptan Javed Muktar noe deciza mill-Prim Awla (TM) fit 3 ta’ Lulju 2003, il-Qorti eskludiet mill-privilegg l-ispejjez inkorsi ghal *hire of telecell*, *telecomunnication expenses* u spejjez inkorsi ghat-trasport, *telephones, faxes*, etc.  Il-privileggi ghandhom jinghataw interpretazzjoni stretta, u m’ghandhomx kif qalet il-Qorti ta’ l-Appell fil Concorso sul ricavato del vapour Raetaria, deciza fl-20 ta’ Novembru 1922 (Vol XXV .1.923) “*ricevere un’estenzione anormale ed eccessiva*”.

Inoltre dan il-privilegg ma jghoddx ukoll ghax ma sarx qabel it-tluq tal-bastiment ghall-ahhar vjagg tieghu. Kif qalet il-Qorti fis-sentenza fuq citata (Vol XXV .1.923*) per ultimo viaggio in dottrina la piu accreditata si intende quello che si compie coll’entrata della nave in porto dove viene posta in disarmo*. Fil-kaz prezenti ma kienx hemm ebda qbid ta’ bastiment f’Malta jew barra minn Malta

ghalhekk il-kriterju li trid il-ligi ma jezistiex billi ma sarux xogholijiet fuq il-bastiment fil-port li jkun dahal fih qabel telaq ghall-ahhar vjagg.

Stante li ma jezistiex il-privilegg pretiz mill-atturi, isegwi li ma hemmx *droite de suite* a tenur ta' l-artikolu 37D(3) tal-Kap 234. Mhux kontestat li ma sar ebda *management agreement* bejn l-atturi u l-konvenuti ghalhekk l-azzjoni ta' l-atturi ma tistax tirnexxi billi ma hemmx relazzjoni giuridika bejn il-partijiet.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talba attrici
Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------